**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 6 ta’ Mejju, 2025

Rikors Ġuramentat: 216/22AL

**A B**

**vs.**

**C *sive* D B**

**(Att taż-Żwieġ bin-Numru progressiv 1136/1994)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attriċi li permezz tiegħu l-ppremettiet kif ġej:

*1. Illi l-kontendenti zzewgu nhar 1-1 ta' Lulju 1994 (Dok. A).*

*2. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellhom tifel wiehed, F B illi twieled fit-22 ta' Ottubru 1995, li llum huwa maggorenni;*

[1] Fol. 1.

*3. Illi z-zwieg tal-kontendenti tkisser irrimedjabbilment u l-attrici kienet kostretta tipprezenta din l-istanza principalment minhabba l-adulterju, l-eccessi, inkompatibilita ta' karattru, tal-konvenut zewgha kontra taghha.*

*4. Illi l-kontendenti ilhom de facto mifrudin u ilhom jghixu separatement minn Ottubru tas-sena 2016. L-attrici tghix gewwa appartament il-Qawra, filwaqt illi l-konvenut qieghed jghix flimkien mat-tifel tal-kontendenti, fid-dar konjugali gewwa H'E.*

*5. Illi għaliex iz-zwieg tal-kontendenti tkisser ghal kollox, il-kontendenti bdew il- process ta' medjazzjoni bil-hsieb illi jaslu ghall-akkordju dwar id-divizjoni tal-gid taghhom, izda l-ebda ftehim ma seta' jintlahaq;*

*6. Illi l-kontendenti huma proprjetarji ta' appartament u garage gewwa H'E, fejn il-kontendenti bhala familja kienu jghixu lkoll flimkien, u kif ukoll huma proprjetarji ta' garage iehor gewwa H'E;*

*7. Illi l-attrici taf b'dawn il-fatti personalment;*

*8. Illi l-kontendenti gew debitament awtorizzati illi jipprezentaw kawza ta' separazzjoni b'digriet f'dan is-sens moghti minn dina l-Onorabbli Qorti fis-26 ta' Awwissu 2022 (Dok. B).*

*Ghaldaqstant, l-attrici titlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi:*

*i. tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghall-finijiet tal-Artikolu 48(c) tal-Kodici Civili (Kap 16) tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandhu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda, l-adulterju, l-eccessi, theddid u jew ragunijiet ohra illi jwasslu ghall-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16).*

*ii. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet tal-attrici, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici,*

*fil-gimgha jew fix- xahar kif ordnat minn dina l-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici, minnflok dak il-manteniment kollu jew parti minnhu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attrici tkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-konvenut u f'kaz illi, minhabba l-fatt illi l-attrici ghandha mpjieg u dhul stabbli, dina l-Onorabbli Qorti tqis illi l-konvenut ma ghandhu jhallas manteniment lilha ghall-htigijiet tagħha, tiddikjara illi l-komportament l-attrici kien tali illi d-dritt illi tircievi l-manteniment minnghand il-konvenut huwa riservat u jkun ezercitabbli minnu kemm il-darba jkun hemm xi bidla fic-cirkostanzi rispettivi tal-partijiet;*

*iii. Tiddikjara illi l-hlas komplessivament maghmul mill-konvenut mill-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena 2016, cioe' minn meta bdew jghixu separatament il-partijiet, akkont tal-manteniment tal-imsemmija attrici, sa dakinhar tal-eventwali sentenza jew jum iehor stabilit appozitament minn dina l-Onorabbli Qorti, kien, tenut kont tal-htigijiet tal-attrici u tal-mezzi tal-kontendenti, inadegwat u messu kien aktar, u li hemm lok ghalhekk illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas, ossija jirrifondi, lill-attrici somma illi tkun ekwivalenti ghall-arretrati ta' manteniment illi huwa messu hallas izda ma hallasx, kif hawn spjegat.*

*iv. B' riferenza ghall-infieq tal-attrici ghall-htigijiet tagħha, il-mezzi tal-kontendenti matul iz-zmienijiet rilevanti, u l-hlasijiet illi l-konvenut messu ghamel lill-attrici ghall-manteniment taghha u dawk li effettivament ghamel, tillikwida l-arretrati ta' manteniment mill-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena 2016, cioe' minn meta bdew jgħixu separatament il-partijiet, sad-data illi fiha s-sentenza fuq it-talbiet precedenti ssir res judicata jew data ohra appozitament stabilita mill-Qorti mahduma bir-rata illi tigi appozitament stabilita u applikata minn dina l- Onorabbli Qorti, pagabbli mill-istess konvenut lill-attrici sabiex jirrimborza lill-istess attrici ghall-hlasijiet maghmula minnha illi messhom saru minnu in parte jew in toto.*

*v. Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-attrici dik is-somma hekk stabilita u likwidata minn din il-Qorti bhala arretrati ta' manteniment, taht dawk il-modalitajiet illi jigu stabiliti f' dan ir-rigward mill-istess Qorti u b'zieda mal-manteniment li jigi ordnat skont kif mitlub fit-talba numru (ii)*

*vi. tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti, skont kif jidher xieraq lill- dina l-Onorabbli wara li tqis l-imgieba tal-konvenut, id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16).*

*vii. tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha parafernali taghha u okkorrendo tordna illi l-attrici jkollha l-amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.*

*viii. tillikwida l-krediti parafernali ossija pekularji tal-attrici u tikkwalifika l-istess bhala krediti tal-istess attrici kontra l-komunjoni tal-akkwisti tal-kontendenti, jew, skond il-kaz, kontra l-konvenut ossija l-patrimonju parafernali tieghu, liema krediti u d-debiti korrispettivi għandhom jigu nkluzi fl-iskema tad-divizjoni tal- assi u d-debiti komuni hawn mitluba.*

*ix. tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tillikwida l-assi u d-djun komprizi fl-istess komunjoni tal-akkwisti;*

*x. ixxolji kull komunjoni iehor ta' propjeta u/jew ta' gid iehor u/jew ta' dejn ezistententi bejn il-partijiet, ta' liema xorta tkun, tillikwida dan il-gid u d-dejn komuni;*

*xi. tordna illi jigi akkumulat id-dejn u l-gid kollu komuni tal-kontendenti, sew dak gej mill-komunjoni u kif ukoll dak gej minn komunjoni ohra ta' proprjeta, u kif ukoll dawk il-krediti u djun likwidati b'sehh ta' dak mitlub fit-tminn talba dwar il-pretenzjonijiet parafernali tal-attrici kontra l-konvenut jew kontra l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;*

*xii. tordna li l-istess gid u djun komuni, akkumulat skont kif mahsub fit-talba precedenti jew xort' ohra kif ordnat mill-Qorti, jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti in vista, inter alia f' dak illi jirrigwarda l-gid gej mill-komunjoni tal-akkwisti, tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn din il- Qorti bhala d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnu kien hati tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-konvenut u l-ohra lill- attrici;*

*xiii. tordna illi minghajr pregudizzju ghat-talba precedenti d-dar taz-zwieg tigi assenjata lill-attrici illi tikkumpensa lill-konvenut ghat-telf finanzjarju soffert minnu, ukoll wara li tqis il-gid assenjat lilu b' sehh ta' dawn it-talbiet, jew xort' ohra, li għandu jigi mhallas mill-konvenut lill-attrici skont dawn it-talbiet jew skont il-Ligi;*

*xiv. tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku is-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti.*

*Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri ta' medjazzjoni.*

Rat il-lista ta' xhieda tal-attriċi;

Rat iċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet bin-numru 1136/1994;[2]

Rat id-digriet tal-Qorti tas-26 ta' Awwissu 2022[3] li bih il-Qorti ddikjarat il-medjazzjoni magħluqa u awtorizzat lill-partijiet jipproċedu b'kawża fit-termini mposti mil-liġi;

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma weġibx fi żmien mogħti lilu mill-liġi u għalhekk ġie dikjarat kontumaċi fis-seduta tat-2 ta' Frar 2023;[4]

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Frar 2023[5] fejn il-Qorti appuntat lil Dr Maria Dolores Gauci bħala assistent ġudizzjarju f'din il-kawża biex tisma' l-provi bis-soliti fakultajiet;

Rat ir-rikors tat-8 ta' Ġunju 2023, fejn l-attriċi talbet li t-talba għas-separazzjoni personali tiġi kunsidrata bħala talba għall-ħall taż-żwieġ kif stipulat fl-Artikolu 66F tal-Kap 16 u rat li għalkemm notifikat il-konvenut ma weġibx;

Rat ix-xhieda, id-dokumenti u l-provi kollha li ġew mressqa quddiem l-Assistent Ġudizzjarju u quddiem il-Qorti;

---

[2] Fol. 8.
[3] Fol. 11.
[4] Fol. 20.
[5] Fol. 20.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi tas-26 ta' Awwissu 2024;[6]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut tal-5 ta' Novembru 2024;[7]

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza[8];

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti tħoll iż-żwieġ bejn il-partijiet, liema talba ġiet konvertita minn talba għall-firda personali permezz ta' rikors tal-attriċi tat-8 ta' Ġunju 2023. Il-partijiet kienu żżewġu nhar l-1 ta' Lulju 1994, minn liema żwieġ twieled F B, imwieled fit-22 ta' Ottubru 1995, illum maġġorenni.

Madanakollu u ġialadarba l-miżżewġin ma humiex separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-Qorti, l-attriċi qed iżomm ferm mal-bqija tat-talbiet tagħha kif dedotti fir-rikors promotur u dan abbażi tal-Artikolu 66D subinċiż 3 tal-Kap 16. It-talbiet għas-separazzjoni u għad-divorzju, f'kull każ, baqgħu jinstemgħu u ser jiġu deċiżi flimkien mill-Qorti, b'dana illi l-Qorti applikat il-konnessjoni tal-kawżi skont l-Artikolu 66 F(3).

Għaldaqstant, apparti l-ħall taż-żwieġ il-Qorti għandha wkoll tirregola l-effetti konsegwenzjali ta' tali firda u ħall taż-żwieġ. Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

1. Pronunzja tal-ħall taż-żwieġ tal-partijiet, b'dana illi xorta waħda għandu jiġi evalwat min mill-partijiet kellu l-ħtija li ġabet it-tifrik taż-żwieġ, u dan sabiex il-Qorti tkun f'pożizzjoni li tapplika d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kap 16 kontra l-konvenut;

[6] Fol. 943.
[7] Fol. 960.
[8] Verbal tat-12 ta' Diċembru 2024 a. fol. 966.

2. Kundanna biex il-konvenut iħallas manteniment adegwat għaliha u arrertrati ta' manteniment mill-1 ta' Jannar 2016 meta bdew jgħixu separatament jew data oħra stabbilita mill-Qorti;

3. Kundanna biex il-konvenut jikkonsenja lill-attriċi l-beni kollha parafernali tagħha u likwidazzjoni tal-krediti parafernali tal-attriċi u kwalifikazzjoni tat-tali krediti bħala krediti kontra l-komunjoni;

4. Dikjarazzjoni ta' xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, u l-qsim ta' l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet bl-applikazzjoni kontra l-konvenut tas-sanzjonijiet kontemplati fil-liġi;

5. Ordni li biha d-dar taż-żwieġ tiġi assenjata lill-attriċi illi tikkumpensa lill-konvenut għat-telf finanzjarju soffert minnu;

6. Dikjarazzjoni li biha l-attriċi tiġi awtorizzata tirriverti għal kunjom xbubitha *ai termini* tal-Artikolu 62 tal-Kap 16.

Il-konvenut għalkemm debitament notifikat ma wieġibx għat-talbiet attriċi u fis-seduta tat-2 ta' Frar 2023 ġie dikjarat kontumaċi. Kif tgħid iżda l-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Carlo *sive* Charles Bartolo vs Theresa *sive* Therese Bartolo**[9], il-kontumaċja ma hix *walk over* anzi hija kontestazzjoni ""*Illi, kif gie deciż minn dawn il-Qrati għadd ta' drabi, il-kontumacja m'għandhiex titqies bħala stqarrija jew ammissjoni min-naħa tal-imħarrek għal dak li jkun qiegħed jintalab jew jiġi allegat kontrih mill-parti attrici: għall-kuntrarju, il-kontumaċja tqieset bħala kontestazzjoni, u l-bdil li sar fil-ligi procedurali fl-artikolu 158 bl-Att XXIV tal-1995 jidher li jtenni din il-fehma. Nelli Miceli v. Chrales Pisani, 28 ta' Ottubru 2004, Prim Awla. "Kontumacja tammonta ghal kontestazzjoni u mhux ghal semplici "walk-over" kif jippretendi l-appellant. Kif qalet l-ewwel Qorti, l-ahjar prova trid issir dejjem*." *Joseph Vella v. Pierre Cremona Appell, 10 ta' Ottubru 2004. Kif gia` gie accennat huwa evidenti li l-appellant ihoss li kellu jinghata ragun ghaliex l-appellata ma setghetx tressaq provi hija stess u haseb li kellu "walk over" kif qalet din l-ahhar sentenza. Jghid infatti li "ma kellux ghalfejn jelabora fic-cirkostanza li l-*

[9] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' April 2017 (Rik. Nru. 203/13 RM)

*appellata kienet waqghet kontumacja" – argument bla ebda bazi legali. Dan l-aggravju ghalhekk huwa decizament respint."*

Skond il-liġi u l-ġurisprudenza għalhekk, il-kontumaċja ma tfissirx u ma tistax tiġi ekwiparata ma' ammissjoni. Infatti kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd vs Philip Borg Bellanti u Joe Fenech** deċiża fit-22 ta' Gunju, 2005, Appell Ċivili per Onor. Imħallef Philip Sciberras: *"... huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghallgudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35;"*

Illi infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Edmond *sive* Jesmond Meilaq vs Brian Mizzi *et noe***,[10] ingħad: "*Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghallgudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta'Jannar 1991: "Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;""*

## 2. Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilità għat-tkissir taż-żwieġ:

*<u>Il-Verżjoni tal-Attriċi u l-allegati tortijiet attribwiti lill-Konvenut:</u>*

[10] Deċiża mill-Qorti tal-Appell, fis-27 ta' Marzu 1996.

L-attriċi tixhed permezz ta' affidavit intavolat fis-seduta tal-11 ta' Ġunju 2024[11] fejn tgħid li hi kellha biss tlettax -il sena meta bdiet toħroġ mal-konvenut u hu kien sitt snin u nofs ikbar minnha. Tgħid li għalkemm kienet għadha fiż-żmien l-iskola sabet ruħha nfatwatha għal kollox. Tgħid li mill-bidu tar-relazzjoni l-konvenut għamel pussess fuqha, irristrinġilha r-relazzjonijiet ma' sħabha, kien jiddettalha kif tilbes, x'*make up* tagħmel u kif tidher u kien jippretendi li titlob l-approvazzjoni tiegħu għal kull pass li tagħmel anke jekk sempliċiment *shopping.* Kien anke juri li hu għażżien.

Tgħid li l-ġenituri tagħha ma kienux japprovaw mir-relazzjoni u pruvaw jgħidulha biex tieqaf minħabba d-differenza fl-età u l-aġir tiegħu. Kien anke jiskoraġġiha milli tkompli l-iskola u kien jemmen li postha kien id-dar issajjar u tnaddaf. Tgħid li hi kellha mentalità tradizzjonali u għalhekk baqgħet leali għalih u żżewwġet meta kellha biss sbatax-il sena. Minħabba li kienet għadha taħt l-età kellha bżonn il-kunsens ta' missierha u minkejja r-riżervi li l-ġenituri tagħha wrew hija ddeċidiet li tkompli bil-mixja taż-żwieġ. Minkejja dan, lejliet it-tieġ tgħid li ġiha baħar ta' dubji u bkiet ħafna u *deep down* tgħid li kienet ħasset li din mhix deċiżjoni tajba. Madanakollu tgħid li kienet tħobbu u li kienet temmen li jħobbha.

Tgħid li xtraw *maisonette* Birżebbugia sena qabel ma żżewwġu u meta żżewwġu daħlu joqgħodu fiha mingħajr ma kellhom ħafna affarijiet lesti. Tgħid li lanqas il-kmamar tal-banju, *railings* u bieb ta' barra ma kienu lesti. Hija saret taf li kienet tqila sitt xhur biss wara t-tieġ. Tgħid li l-konvenut ma ħax gost bl-aħbar anzi kien irrabjat u anke beda jissuġġerixxi azzjonijiet biex teħles mit-tarbija. Tispjega li z-zija tagħha għenithom biex komplew id-dar sabiex din tkun f'sura tajba biex jilqgħu t-tarbija li kienet ġejja u sadanittant huma daħlu jgħixu għand omm l-attriċi. Meta twieldet it-tarbija mbagħad daħlu lura fil-post.

Tirrakkonta kif xi xhur qabel twieldet it-tarbija omm il-konvenut daħlet tgħix fil-muturrtagħhom. Tgħid li ommu kienet tbati mill-problemi ta' saħħa mentali u kellha temperament li ħoloq ħafna tensjoni fid-dar. Tgħid li kienet abbużiva verbalment magħha u kienet tikkritikaha

[11] Fol. 900.

kontinwament u sadanittant il-konvenut ma kienx jaqbeż għaliha jew jipprova jwaqqafha bl-ebda mod. Tgħid li hi kienet toqgħod kwieta biex tipprova żżomm il-paċi.

Meta twieled it-tifel, il-konvenut kien jirrabja meta dan kien iqum jibki bil-lejl għax kien iqajjmu. Il-konvenut kien jaħdem ma' missieru f'bar minn kmieni filgħodu sas-2.30pm allura kien jirrabja ħafna meta t-tifel kien itellfu l-irqad. Minn naħa tagħha tal-attriċi kienet tħoss li tagħmel kemm tagħmel mat-tifel u d-dar ma kien jiswa xejn għall-konvenut u kien ighidilha li hi qiegħda biss "*tgħaddi l-ħin*". Madanakollu tgħid li hi kienet tibża ħafna minn żewġha allura kienet tkompli bl-affarijiet bil-kwiet biex iżżomm il-paċi u ma jkunx hemm ġlied speċjalment minħabba t-tarbija.

Tgħid li l-konvenut kien jaqla' argument fuq affarijiet żgħar eżempju meta jdumu ftit biex jieklu, meta twaqqa' xi ħaġa jew iddum ftit titkellem ma' ommha fuq it-telephone *etc*. Tgħid li meta kienu jargumentaw il-konvenut kien jitfa' l-affarijiet, ikisser, jgħajjat u jgħajjarha u jgħidilha li ma tiswa għal xejn, kif fil-fatt bdiet temmen. Tgħid li kellha tieħu l-permess tiegħu għal kull pass li tagħmel u ma kienx iħalliha toħroġ. Jekk kien ikollha xi qadi kien ikollha tkun id-dar qabel ma jasal hu għaliex inkella jaqla argument kbir. Tgħid li kienet imbeżżża u mimlija tensjoni u kienet tibża' speċjalment meta jmur id-dar b'burdata ħażina għax kien isir aggressiv.

Tgħid li naturalment ma kienx lanqas iħalliha taħdem u wisq inqas tissoċjalizza u kienet allura dipendenti assolutament fuqu. Il-ftit drabi li kien iħalliha toħroġ kien jagħmlilha ħin speċifiku u kienet tkun anzjuża ħafna għaliex kienet taf kemm kien jirrabja jekk ma żżommx mal-ħin. Tgħid li kien jeżerċita kontroll anke fuq il-finanzi u ma kinitx tkun taf x'għandom fil-kontijiet tal-Bank. Tgħid li kien jagħtiha ħmistax-il Lira Maltin fil-ġimgħa u meta għadda żmien dawn żdiedu għal mitt Ewro li bil-kemm kienu jkopru l-affarijiet bażiċi ta' kuljum. Filwaqt li kien jikkontrolla hu x'tixtri u ma tixtrix, minn naħa tiegħu kien jixtri oġġetti ta' lussu, anke karozzi u kien jonfoq fi ħruġ mal-ħbieb.

Tgħid li darba għamlet kuraġġ u kkuntatjat lil missierha fis-siegħat kmieni ta' filgħodu u ħarbet mit-tensjoni li kienet qed tgħix fiha billi marret għand

il-ġenituri tagħha, madanakollu meta l-konvenut induna sabitu fuq l-għatba jgħajjarha u jheddidha li kien se jeħodilha t-tifel. Tgħid li sadanittant hu kien mar jaħdem bit-taxis għaliex kien iġġieled ma' missieru u kien jgħid li għandu ħafna kuntatti ma nies fl-awtorità u b'hekk kien iktar ibeżżaha. Sforz din il-biża tgħid li rritornat lura d-dar.

Tgħid li hi baqgħet tieħu ħsieb lil binha filwaqt li hu baqa' jgħix ħajjtu joħroġ ma' sħabu u anke kif saret taf iktar tard, jiltaqa' man-nisa. Meta t-tifel kellu tmien snin huma bdew jorqdu f'sodod separati. Tgħid li kienet tħossha weħedha u vulnerabbli u ma kinitx tkun trid ittaqqal lill-ġenituri tagħha bl-inkwiet tagħha.

Tgħid li mbagħad xtraw appartament u garaxx Ħ'E għaliex il-konvenut kien igerger li juġgħuh saqajh bit-taraġ tal-post li kienu joqgħodu fih. Tgħid li baqgħet fiż-żwieġ kemm minħabba t-tifel u kif ukoll għaliex kienet temmen li hi ma tiswa għalxejn u li hi inutli u li ma hix kapaċi tipprovdi għaliha u għat-tifel. Tgħid li kemm-il darba karbet lil żewġha biex iħalliha toħroġ taħdem imma hu assolutament ma riedx. L-iskuża tiegħu kienet li ma ridiex tiltaqa' ma' rġiel oħra.

Tgħid li fl-2015 ħa mara ta' nazzjonalità Russa toqgħod magħhom. Din kien jisimha L u l-konvenut kien qalilha li kien telaqha l-għarus u ma kellhiex fejn tmur. Tgħid li kienet tqum filgħodu, tmur tgħum u tirritorna filgħaxija tiekol u torqod għandhom. Tgħid li kienet din il-mara stess, li tgħid li kienet ġentili magħha li kienet qaltilha li hija (l-attriċi) ma ħaqqhiex dak li kien qed jagħmlilha l-konvenut. Tgħid li għalkemm kienet ilha tissuspetta l-infedeltà ta' żewġha, meta din il-mara daħlet toqgħod magħhom kienet ikkonfermat dan. Tannetti xi ritratti ta' żewġha ma' din il-mara.

Tgħid li fl-2015 għamlet kuraġġ u telqet mid-dar bil-ħwejjeġ biss li kellha fuqha għaliex il-konvenut ħalliha tieħu biss l-affarijiet personali tagħha. Tgħid li qalilha li ma kien ħaqqha xejn għaliex hi ma kinitx taħdem. Tgħid li l-ikbar sagrifiċċju iżda kien li kellha tħalli lil binha warajha li dak iż-żmien kellu għoxrin sena. Tgħid li t-tifel ried jibqa' jgħix fil-kamra tiegħu u li l-ħsieb li jimxi kien joħloqlu ħafna tensjoni. Tgħid li hi ma sfurzatux u

riedet biss tibda ħajja ġdida u toħloq ambjent komdu fejn il-quddiem it-tifel ikun jista' jibda jħossu komdu wkoll.

Tgħid li wara dan iż-żmien kollu għadha tħoss il-biża u t-tensjoni li ħolqilha l-konvenut u hija ġlieda nterna li għada taffaċja li ssaqsi lilha nnifisha għalfejn damet daqsekk fiż-żwieġ. Tgħid li l-konvenut baqa' sejjer lura minn meta sseparaw *de facto* u fil-fatt fl-2016 ġie arrestat u nstab ħati ta' pussess u traffikar ta' kokaina. Dan kellu effett negattiv ħafna fuq ibnu li diġà kien ibati minn dipressjoni kronika iżda l-fatt li ra lil missieru jiġi arrestat kompla tefgħu iktar lura u fil-fatt abbanduna l-istudji tiegħu u dejjem jiġri għand professjonisti differenti għal xi trattament effettiv.

Tgħid li minkejja dak kollu li għaddiet minnu mal-konvenut kienet ħasset li għandha tissuportjah finanzjarjament meta kien il-ħabs mill-ftit li kienet taqla dak iż-żmien. Tgħid li kienet tibgħatlu mitt Ewro fil-ġimgħa biex jixtri affarijiet għalih. Barra minn hekk mill-2020 ħadet fuqha l-ħlas tal-loan u minkejja li telqet mid-dar kompliet tħallas l-ispejjeż tad-dar, kontijiet u ħlasijiet tal-kondominju. Tgħid li dan kollu ma kienx faċli għaliex riedet taħdem *full time*, *part time* u tistudja fl-istess ħin. Barra minn hekk riedet tieħu ħsieb lil binha li kien qed ibati minn dipressjoni u ħsibijiet suwiċidali. Tgħid li dan kollu poġġha stress qawwi fuqha u ħarġitilha l-*fibromyalgia*. Tgħid li wara li l-konvenut ħareġ fuq *bail*, reġa nstab fil-pussess tad-droga f'Mejju 2023 u hawnhekk it-tifel reġa' għadda minn trawma kbira meta reġgħu ġabru lil missieru mid-dar matrimonjali fejn kien għadu joqgħod hu wkoll. Tgħid li l-aġir tal-konvenut kellu effetti trawmatiku kemm fuq ħajjitha u kemm fuq ħajjet binha. Dan kollu affetwa wkoll lilha ħafna finanzjarjament.

Tgħid li binha kellu wkoll jieħu trattament ġewwa l-Isptar Monte Karmeli għal dipressjoni maġġuri u tgħid li hi qed tipprova minn kollox biex binha jibda jgħix ħajja indipendenti u jimmaniġja d-dipressjoni li ħakmitu.

*Sabiex tikkorrabora l-verżjoni tagħha dwar ir-responsabbilità għat-tifrik taż-żwieġ, l-attriċi ressqet is-segwenti provi:*

1. *Ix-xhieda ta' G H ossia missierha debitament maħluf u ppreżentat fid-19 ta' Frar 2024*[12] fejn jgħid illi meta kienet żgħira bintu l-attriċi kienet tifla eżemplari, tistudja u tgħin lil ommha u trabbiet ġo familja magħquda fejn kienet maħbuba ħafna. Jgħid li kien kburi ħafna biha.

Jgħid li hu ma kienx ħa gost meta bintu ltaqgħet mal-konvenut meta kellha biss tlettax-il sena u jgħid li kien jgħidilha tikkonċentra fuq l-istudji tagħha. Hija ma kinitx toħroġ dak iż-żmien u fil-fatt kienet iltaqgħet mal-konvenut fil-festa tar-raħal. Jgħid li l-konvenut kien jgħaddi bil-karozza mit-triq tagħhom xi seba' darbiet kuljum u spiċċa biex kellu jwaqqfu u jgħidlu biex iħalli lit-tifla kwieta. Jgħid li kien jgħid lil bintu li l-konvenut ma jixraqilix għaliex kien jarah kiesaħ u ta' rasu iebsa. Jgħid li kien ikollhom argumenti għaliex kien jgħolli leħnu magħha u jikkmanda kull pass li tagħmel. Jgħid iżda li mbagħad kellu jċedi u jaċċetta l-fatt li bintu saret tħobbu. Jispejga li bintu kienet tiskuża lill-konvenut għal kull ħaġa li jagħmel.

Jispjega li kien jgħin lil bintu wkoll finanzjarjament għaliex il-konvenut bilkemm kien itiha biex tgħajjex il-familja. Ikompli jixhed li saħansitra l-konvenut biegħlha d-deheb kollu li tawha huma qabel iż-żwieġ biex xtralha ċurkett u arloġġ li ħadomlha meta telqet mid-dar matrimonjali. Jgħid li filwaqt li hu dejjem jiġri barra ma' sħabu, lilha kien ikun iridha d-dar u anke meta kienet toħroġ magħhom kien iċemplilha kull siegħa jwissiha li għandha tkun id-dar qabel ma jasal hu. Jgħid li hu kien jitħassarha jaraha mbeżża minn żewġha.

Jgħid li għalkemm kien jixtieq jgħinha, bintu kienet titwerwer għaliex il-konvenut kien jheddidha li joħdilha t-tifel. Ikompli li kien biss wara snin ta' abbuż verbali li bintu telqet mid-dar u dan għamlitu speċjalment għaliex ġabilha mara oħra tgħix id-dar tagħhom. Jgħid li anke wara li bintu telqet lil żewġha, l-inkwiet baqa' jiġri warajha meta l-konvenut ġie arrestat fuq traffikar tad-droga u skormenta lil ibnu u tefa' lill-martu f'baħar ta' nkwiet finanzjarju u nkwiet minħabba t-tifel li diġà kien fi stat mentali delikat.

[12] Fol. 891.

2. *Affidavit ta' I J, ossija oħt l-attriċi, debitament maħluf u ppreżentat nhar fid-19 ta' Frar 2024*[13] fejn tgħid li hija t-tielet minn tliet aħwa bniet u li oħtha l-konvenuta żżewġet meta hi kellha biss ħames snin. Tgħid li madanakollu kienet *close* ħafna ta' oħtha għaliex kienet tmur ħafna d-dar tagħhom u meta tkun għandha kienet torqod fuq saqqu mal-art għaliex ma kellhom xejn id-dar. Tgħid li kemm-il darba kienet tisma' lil konvenut jgħid lil oħtha "*din erġajt ġibtha*?" u jħares lejha bl-ikrah, filwaqt li oħtha kienet tipprova titbissem u ddawwar id-diskors.

Tgħid li iktar ma bdiet tikber iktar bdiet tinduna b'ċerta affarijiet u lil oħtha kienet titħassarha. Tgħid li rari kienet tixtri ħwejjeġ għaliha u ħbieb ma kellhiex ħlief lilha u lil oħthom l-oħra.

Tkompli li oħtha għaddiet minn ħafna nkwiet anke riċentement meta l-konvenut spiċċa l-ħabs. Tispjega li din kienet xi ħaġa li huma qatt ma stennew speċjalment għaliex bħala familja qatt ma missew ma' każijiet serji bħal dawn.

Tgħid li fit-tieġ tagħha oħtha kienet ilha ma tiltaqa' mal-familjari tagħha għaliex il-konvenut ma kien iħalliha tmur imkien, lanqas magħhom stess u għalhekk kif daħlet fis-sala z-zijiet u l-kuġini daru madwarha jkellmuha. Anke hemm, kif il-konvenut rahom ħdejha kien mar jgħidilha li jekk jerġgħu jgħannquha kien ser jifqalhom t-tazza f'wiċċhom. Tgħid li oħtha spiċċat bil-qiegħda u ma qamitx ħlief biex tiżfen żifna mal-*flower girl*. Tgħid li hi kienet qed tiżfen ma' żewġha u rat lill-konvenut jiġbidha minn idejha u jitfaha bilqiegħda. Saħansitra meta l-waiter mar bit-tazzi tal-inbid u oħtha ħadet waħda, il-konvenut kien pront mar jeħodielha bl-herra u spiċċa waqqalha l-inbid fuq il-libsa. Tgħid li l-mistednin kollha kienu qed jaraw x'qed jiġri u wara dak it-tieġ ħafna saru jafu s-sitwazzjoni tagħha li tant kienet tipprova taħbi. Għamlet tieġ bilqiegħda fit-tieġ ta' oħtha li tant kienet ilha tistenna.

Minn wara dak kollu li għaddiet minnu u wara l-arrest tal-konvenut u l-kundizzjoni tat-tifel tgħid li oħtha saret iktar b'saħħitha u b'opinjoni tagħha, taħdem kemm tiflaħ, anke għal binha li għalkemm kiber għadu jiddependi minnha għaliex ma jistax jaħdem. Tgħid li l-isforzi ta' oħtha

[13] Fol. 891.

intilfu f'sekondi meta reġgħu daħlu l-pulizija għall-konvenut bil-lejl fid-dar biex jarrestawh u t-tifel kien preżenti.

3. *Xhieda ta' Marika Mifsud, Assistent Reġistratur (Qorti Kriminali), fis-seduta tat-28 ta' Lulju 2023*[14] fejn tippreżenta kopja ta' żewġ kawżi kontra l-konvenut, waħda li bdiet fis-6 ta' Marzu 2016 u l-oħra fit-23 ta' Mejju 2023, it-tnejn b'akkużi fuq droga.

4. *Xhieda ta' L-Ispettur Helenio Galea, rappreżentant tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2023*[15] li jikkonferma illi l-konvenut daħal ġewwa l-Faċilità Korrettiva ta' Kordin darbtejn. L-ewwel darba kienet fit-13 ta' Ottubru 2015 fuq akkużi ta' pussess u traffikar ta' droga u kien ingħata l-*bail* fis-17 ta' Marzu 2016. Kien imbagħad ġie arrestat fit-13 ta' Ottubru 2016 u baqa' arrestat sal-14 ta' Mejju 2021. Ix-xhud jgħid li reġa' daħal il-ħabs imbagħad fuq każ ieħor fit-23 ta' Mejju 2023.

5. *Xhieda ta' L-Ispettur Marshall Mallia fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2023*[16] li jispjega li huwa spettur tal-pulizija fi ħdan l-iskwadra tad-droga. Huwa xehed dwar raid li saret fit-22 ta' Mejju 2023 ġewwa l-indirizz tal-konvenut. Il-konvenut ġie arrestat fid-dar tiegħu meta l-pulizija sabu tmien pakketti fuq il-mejda li kellhom erba' kilos kokaina fihom, kif ukoll affarijiet oħra relatati ma' traffikar ta' droga bħal imwieżen, *packing machines etc*. Jgħid li dakinhar fid-dar kien hemm it-tifel rieqed fil-kamra tas-sodda. Jgħid li t-tifel ġie arrestat dak il-ħin sakemm ġiet kontrollata s-sitwazzjoni u rriżulta li t-tifel ma kellu x'jaqsam xejn u ġie rilaxxat dak il-ħin stess. Jgħid li sabu wkoll armi u ammunition li ttieħdu minn naħa tagħhom *for safe keeping*.

6. *Xhieda ta' PC 37 M Bezzina fis-seduta tal-1 ta' Diċembru 2023*[17] li preżenta erba' (4) rapporti kontra l-konvenut.

[14] Fol. 825.
[15] Fol. 845.
[16] Fol. 845.
[17] Fol. 861.

7. <u>*Nota tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili tad-9 ta' Novembru 2023*[18]</u> li permezz tagħha tippreżenta kopja tal-kawża fl-ismijiet *C B vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et* li ġiet deċiża fit-3 ta' Ottubru 2023.

<u>*Il-Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Każ Odjern*</u>

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentement jiġu applikati għall-każ odjern.

Kif tgħallem il-ġurisprudenza nostrali, iż-żwieġ huwa kuntratt li jeżiġi impenn bejn il-partijiet li jidħlu għalih. F'każ li tali żwieġ ma jirnexxix għal raġuni jew oħra, l-Artikolu 36 tal-Kap 16 jgħid illi:

*"Il-firda personali ma tistax issir ħlief b'talba ta' waħda mill-persuni miżżewġa flimkien kontra l-oħra, u għal xi waħda mir-raġunijiet miġjubin fl-artikoli li ġejjin, jew bil-kunsens ta' xulxin, kif hemm fl-artikolu 59."*

Il-liġi tkompli billi tispeċifika raġunijiet li għalihom wieħed jista' jitlob firda taż-żwieġ. Ir-raġunijiet li abbażi tagħhom tista' tintalab is-separazzjoni huma: (i) Artikolu 38 li jitratta l-adulterju, (ii) Artikolu 40 li jitratta eċċessi, moħqrija, theddid u nġurji gravi, u (iii) Artikolu 41 li jitratta l-abbandun.

L-Artikoli 38 u 40 li jikkonċernaw din il-kawża jgħidu kif ġej:

*"38. Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra."* u

*"40. Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment:*

*Iżda l-qorti tista' tiddikjara l-firda minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irrimedjabbilment minkejja li,*

[18] Fol. 863.

*sew qabel jew wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu, l-ebda waħda mill-persuni miżżewġin flimkien ma tkun għamlet it-talba għal dik ir-raġuni."*

Hemm ġurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati fl-Artikolu 40 hawn fuq ċitat. F'dan l-istadju ssir referenza għas-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**[19] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[20] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija, "*Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala* ***sevizzi.***" Tgħid il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **Emanuela *sive* Lilly Montebello vs John Mary *sive* Jimmy Montebello**[21], illi: "*Dan il-komportament abitwali [b'referenza ghal vjolenza fizika u morali] da parti tal-intimat, li eventwalment wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet, jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili, stante li minhabba l-persistenza tieghu rrenda difficli hafna ghar-rikorrenti l-konvivenza matrimonjali. Minn barra dan, il-fatt li dan il-komportament tal-intimat kien beda jigi ezercitat sa mill-bidu tal-hajja konjugali fil-konfront tar-rikorrenti li minn naha taghha kienet tissaporti dan il-komportament ta' zewgha filwaqt li, minkejja dan l-agir abitwali ta' zewgha, kienet assumiet wahedha l-oneru tat-trobbija tat-tfal taghhom, jattira fil-konfront tal-intimat l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 [1] [a] [c] [d] tal-Kodici Civili*."

Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil **eċċessi**, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra. (vide A Mifsud vs Vincenzo Mifsud deciza fit-30 ta' Gunju 1961-Prim Awla)*".

Fis-sentenza fl-ismijiet **Josephine Bonello *pro et noe* vs John Bonello**[22], ingħad illi: "*fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li r-raġel iċaħħad lil martu minn manteniment xieraq u jkun xħiħ magħha f`dan ir-rigward, b`mod li jwassalha biex tirrikorri għal għand il-familjari tagħha għall-flus jew għal*

---

[19] Deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.

[20] Deċiża mill- Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003 (Ċit. Nru 1677/1995/RCP).

[21] Deċiża nhar il-25 ta' Novembru 2016.

[22] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Novembru 1999.

*stratagemmi bħal ma jidher li wettqet l-attriċi, jammonta għall-**eċċessi** fis-sens tal-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili*".

Fir-rigward ta' **inġurji u offiżi gravi** dawn ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom, filwaqt li ntqal mill-Qrati tagħna li jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz, rispettivament.  Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi "*Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima*".[23] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone *pro et noe* vs Jesmond Tabone**,[24] "*il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha*"[25]; Skond l-istess Qorti "*Is-swat, …, hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ*".

Tgħid il-Qorti dwar l-Artikolu 40 fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Novembru 2003 fl-ismijiet **Maria Dolores *sive* Doris Scicluna vs Anthony Scicluna**[26], illi: ***"****Biex il-Qorti taccetta dawn ir-ragunijiet, jew kwalsiasi wahda minnhom, trid tara li dawn ikunu tali li jirrivestu l-azzjoni proposta u min jaghmilhom hu hati taghhom. Il-kwistjoni hi wahda ta' fatt imhollija fil-valutazzjoni ta' min irid jiggudika, izda meta jirrizultaw, ghandhom indubbjament jifformaw motiv ta' separazzjoni in kwantu jirrendu l-konvivenza komuni difficli jekk mhux impossibbli. Illi 'noltre il-Qorti tirrileva li kif inhu pacifiku "perche` il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole **non e` necessario che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie, e le ingiurie gravi,***

[23] Antonia Mifsud vs Giuseppe Mifsud, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.

[24] Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.

[25] Genoveffa Magri vs Joseph Magri, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.

[26] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru 2003, (Ċit. Nru. 1715/2001/1RCP).

***ma qualunque di tale cause da sola basta, perche`sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugale*** *"* – ***"****Elisa Thompson vs Edward Thompson****"*** *(Prim'Awla tal-Qorti Civili, 12 ta' Mejju 1925);****"***

Għalhekk huwa ben affermat illi l-motivi li jiġġustifikaw l-azzjoni ikunu *"indizji u prezunzjonijiet purche dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika."*[27] Madanakollu kif ingħad hawn fuq m'hemmx il-ħtieġa li jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża mpossibbli *da parti* ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.[28]

Magħdud ma' dan, il-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi "*L-**adulterju** hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza sseparazzjoni personali*"[29] . Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-istess, jistax fattwalment jagħti prova tagħha. F'dan l-istadju, il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Maria Dolores *sive* Doris Scicluna vs Anthony Scicluna** fejn ġie dikjarat li: "*L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika"*

Tgħid il-Qorti *"Illi f'dan il-kuntest il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ngħad fis-sentenza "__**Rose Gauci vs Salvatore Gauci**__" (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002 - Cit Nru:1365/1997/RCP - Deċiża fl-1 ta' Ottubru 2002) li in vista tad-diffikolta` tal-prova ta' l-adulterju, l-adulterju jista' jiġi ppruvat permezz ta' indizzi u ċirkostanzi oħra li ma jħallu ebda dubju fil-ġudikant. Fil-fatt ingħad li:- "... l-artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal- Liġijiet ta' Malta jgħid illi "Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju*

[27] Rita Spiteri vs Av Dr Albert V Grech *et noe* (PA (CC) kollex XXXVII.II.693.
[28] Elisa Thompson vs Edward Thompson deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Mejju 1925.
[29] Hugh Greengrass vs Lucia Greengrass, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċit. Nru. 98/2002/1RCP).

*tal-parti l-oħra". Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza tagħha tas-16 ta' April 1953 fil-kawża fl-ismijiet "**Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert V. Grech et noe**". (P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali; iżda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni leġislattiva li tillimita din il-prova, huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat per mezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika". ("**Rosina Micallef vs Angelo Micallef**" P.A. - 27 ta' Gunju 1964.)"*[30]

Permezz ta' rikors datat 8 ta' Ġunju 2023, l-attriċi tiprevalixxi ruħha mill-kawża ta' separazzjoni odjerna sabiex titlob lill-Qorti li t-talbiet jiġu konvertiti f'talba għall-ħall taż-żwieġ.

*Artikolu 66A et seq tal-Kodiċi Ċivili: Id-Divorzju Mogħti fuq Talba ta' Waħda mill-Persuni Miżżewġin:*

Artikolu 66A(1) tal-Kap 16 jistipula illi:

"*Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza*". B'dana illi r-rekwiżiti għad-divorzju jinsabu elenkati fl-Artikolu 66B tal-Kap 16.

Il-liġi fl-Artikolu 66F tal-Kap 16, taħseb ukoll għal dawk l-istanzi fejn:

*"(1) Kull parti f'kawża ta' separazzjoni, tista' f'kull waqt matul dik il-kawża, iżda qabel ma l-kawża tiġi mħollija għas-sentenza, titlob b'rikors illi t-talba għas-separazzjoni magħmula f'dik il-kawża titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju. Meta ssir din it-talba, il-qorti għandha tisma' lill-partijiet biex tikkonstata illi l-kundizzjonijiet maħsuba fl-artikolu 66B biex issir talba għad-divorzju huma sodisfatti. Il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha dwar din it-talba f'sentenza mogħtija*

[30] Maria Dolores *sive* Doris Scicluna vs Anthony Scicluna.

*fil-qorti bil-miftuħ, u minn dik is-sentenza ma jkun hemm ebda appell ħlief flimkien mas-sentenza finali.*

*(2) Kull dikjarazzjoni ta' xhieda u dokumenti preżentati ma' kawża ta' separazzjoni għandhom japplikaw mutatis mutandis għal meta din tiġi mibdula fi proċeduri ta' divorzju. Dan mingħajr ħsara għall-possibilità ta' kull parti li tressaq dokumenti u xhieda oħrajn fil-proċeduri ta' divorzju relatati mat-talba għad-divorzju*.

*(3) Fejn l-ebda parti ma tagħżel li tipproċedi skont kif provdut fis-subartikolu (1) u fejn tkun diġà saret talba għas-separazzjoni skont is-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu, u mill-inqas wieħed mill-partijiet, wara li tkun saret dik it-talba, jagħmel talba għad-divorzju, it-talbiet għas-separazzjoni u għad-divorzju, f'kull każ, għandhom jinstemgħu u jiġu deċiżi flimkien mill-istess qorti, b'dana illi l-konnessjoni tal-kawżi għandha tiġi applikata mill-qorti mingħajr ħtieġa li ssir ebda talba mill-partijiet."*

*<u>Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:</u>*

Mill-provi in atti jirriżulta illi l-partijiet iltaqgħu meta l-attriċi kellha madwar tlettax–il sena u l-konvenut kellu madwar dsatax-il sena. Illi minn dana iż-żwieġ twieled tifel F fit-22 ta' Ottubru 1995, illum maġġorenni.

Illi permezz ta' din il-kawża, l-attriċi qed titlob illi jiġi pronunzjat il-ħall taż-żwieġ wara li ż-żwieġ tkisser għal raġunijiet unikament imputabbli lill-konvenut minħabba adulterju, eċċessi u inkompatibilità ta' karattru. *Nonostante* l-istat ta' kontumaċja tiegħu, il-konvenut kellu dritt illi jagħmel kontro-eżamijiet tax-xhieda prodotti. Illi però, huwa baqa' ma kkontesta bl-ebda mod il-provi prodotti minnha u u ntavola biss nota ta' sottomissjonijiet fejn dwar il-ħtija rrimetta ruħu għall-ġudizzju tal-Qorti. Illi għalhekk u fid-dawl ta' dan u minħabba l-fatt li l-Qorti jidrilha li ma hemmx eċċezzjonijiet illi hija għandha tqanqal *ex officio*, din il-Qorti hija kostretta li tgħaddi għall-ġudizzju tagħha unikament abbażi tal-provi prodotti mill-attriċi.

Il-Qorti tosserva illi fl-affidavit tagħha, l-attriċi tagħti stampa ċara ta' dik li kienet ir-relazzjoni tal-partijiet minn meta ltaqgħu u dak li għaddiet minnu

minn meta ddeċidiet li tibda toħroġ mal-konvenut. L-attriċi tipproduċi wkoll testimonjanzi tal-familjari tagħha biex tikkorobora l-verżjoni tagħha.

Wara li rat il-provi kollha esebiti, din il-Qorti waslet għall-konvinċiment morali illi l-verżjoni tal-attriċi hija waħda verosimili, *stante* li l-Qorti tħoss li t-testimonjanza tagħha hija waħda kredibbli, testimonjanza ta' mara li dak li għexet qed tispjegah mill-qalb u dak allegat minnha huwa korraborat mit-testimonjanzi tax-xhieda li għalkemm familjari tagħha huma xhieda li l-Qorti tħoss li huma kredibbli.

Ix-xhieda tal-attriċi titfa dawl fuq l-għira estrema tal-konvenut u l-għemil kontrollanti tiegħu fuq l-attriċi li minn naħa tagħha baqgħet miegħu għal snin twal sforz il-biża' li kien inisslilha u l-fatt li rnexxielu jġiegħlha temmen li ma tiswa' għal xejn. Il-konvenut sakkar metaforikament lill-attriċi ġod-dar tagħha u qatagħha mid-dinja sforz l-ossesjoni li kellu li tiltaqa' ma' ħaddieħor meta sadanittant, hu kien joħroġ meta jrid u jagħmel li jrid. Illi din l-ossessjoni kienet xprunata minn għira u kontroll estrem, tant li lanqas ħalla lill-attriċi taħdem jew saħansitra toħroġ ma' xi ħabiba jew ħutha stess u sfat priġuniera f'darha stess u iżolata mill-ħbieb u kuntatti tagħha.
Jirriżulta illi l-attriċi bdiet toħroġ mal-konvenut tal-età tenera ta' tlettax-il sena filwaqt li l-konvenut kien sitt snin u nofs ikbar minnha. Dan kien l-ewwel żvantaġġ li kellha l-attriċi f'din ir-relazzjoni, fejn ta' età daqshekk żgħira fejn kienet għada qed tiżviluppa, tistudja u tiskopri ż-żogħżija, tfaċċa l-konvenut li kien diġà daqstant ikbar minnha u ta' karattru dominanti. Dawn iż-żewġ fatturi kkontribwew biex kienet faċli għalih li jaħkem lill-attriċi taħt ġwinhajh u jissottomettiha għalih. Filfatt tikkorobora dan, ix-xhieda ta' missier l-attriċi li jgħid li *"D kien jghaddi bil-karozza mit-triq taghna xi seba' darbiet".*[31] – atteġġjament mhux san li juri kemm l-ossessjoni li kellu l-konvenut kienet hemm mill-bidu tar-relazzjoni tal-partijiet.

L-attriċi tidher li kienet ukoll ġejja minn familja magħquda li kienu rabbewha f'ħafna għożża u mħabba, imħabba li ħasbet li se ssib f'żewġha l-konvenut. Dan jawmenta qatiegħ id-dwejjaq li setgħet tħoss meta minn ambjent daqsekk protett din it-tfajla spiċċat maqtugħa minn

[31] Fol. 892.

kulħadd, imbeżża ġo darha bil-konvenut dejjem xogħol u meta jkun id-dar, bl-abbużi li kellha ssofri taħt idejh. Tixhed illi l-konvenut *"dictated the parameters of my attire, disallowing me to wear any clothing which he deemed to be unsuitable by his standards. Furthermore, he asserted control over my personal grooming practices, prohibiting the use of makeup without his consent and even asserting his authority over 'normal' activities such as shopping, insisting upon his approval prior to any outing…Of particular concern was D's overt opposition to my educational pursuits, as he emphatically expressed his belief that my role should be confined to domestic duties such as cooking and cleaning."*[32]
Ta' età daqsekk żgħira meta l-attriċi kellha d-dinja quddiemha, l-konvenut rrestrinġiha milli tkun hi, milli tagħżel kif tilbes, kif taġixxi u kif tiżviluppa bħal kull tfajla ta' dik l-età li tkun għadha qed tiskopri lilha nnifisha. Huwa ħanaqha b'mod li la setgħet iżżomm persunta kif xtaqet, la setgħet tiżviluppa ħbieberiji u lanqas ma setgħet tkompli l-istudji tagħha.

L-attriċi żżewwġet ta' sbatax-il sena, età li fiha saħansitra kellha bżonn il-kunsens ta' missierha għaliex kienet għadha taħt l-eta. Il-Qorti tħoss illi d-dominanza tal-konvenut irnexxilha mill-ewwel tirbaħ fuq l-attriċi tant li kontra kull parir tal-familja tagħha spiccat biex iżżewwġet lil dik il-persuna li kienet diġà qed tpoġġiha ġo gaġġa. Lanqas meta ftit wara ż-żwieġ hija nqabdet tqila ma setgħet tgawdi l-mument għaliex "*his reaction to the news was far from supportive or understanding; instead, he responded with anger and hostility."*[33] Mhux talli ma ħax l-aħbar tajjeb, talli meta twieled it-tifel, kellha tgħaddi minn dan il-vjaġġ weħedha għaliex il-konvenut kien igerger li t-tifel qed itelliflu l-irqad.

Din il-mara spiċċat magħluqa ġo darha, trabbi lil binha weħedha, ma tistax toħroġ taħdem, ma tistax tagħmel qadi meta jkun hemm il-konvenut id-dar, trid il-permess tiegħu biex toħroġ u tkun id-dar f'ħin speċifiku u mbagħad fl-aħħar ta' dan kollu l-konvenut kien juri nuqqas ta' apprezzament totali għal xogħolha fid-dar. Jiġiefieri mhux talli ma kienx iħalliha taħdem, talli kien ixejjen dak li riedha tagħmel propju hu – li tieħu

[32] Fol. 901.
[33] Fol. 903.

ħsieb id-dar, it-tisjir u t-tindif. Mil-mod kif tirrakkonta l-attriċi jirriżulta sens ta' terrur ġod-dar fejn kollox ried il-permess tal-konvenut għaliex inkella ħoll xagħrek u ġib iż-żejt. Fil-fatt l-attriċi tgħid kif il-konvenut kien jintilef f'rabja, anke jwaddab affarijiet u jkisser, fuq l-iċken ħaġa.

Tixhed infatti oħt l-attriċi ż-żgħira li oħtha kienet teħodha għandha u l-konvenut b'tonn ta' stmerrija kien jgħid lill-attriċi "*din ergajt gibtha?*" Fil-fatt tkompli li iktar ma bdiet tikber iktar bdiet tinduna b'affarijiet li oħtha ma kinitx tgħidilhom. "*Rari kont Naraha tixtri xi libsa ghaliha u qatt ma kont Naraha ma xi Habiba, fil-fatt Nista nghid li l-uniku zewgt ihbieb li kellha konna jien u ohtha K*"[34] Il-konvenut kien possessiv sal-estrem li lanqas ma tal-familja stess ma kien iħalli lill-attriċi tikkomunika. Huwa sinifikanti tassew, dak li tirrakkonta I J, oħt l-attriċi dwar il-ġurnata tat-tieġ tagħha li l-attriċi kienet qed tistenna b'daqsekk ħerqa. Tant l-attriċi ma kienet tista' tmur imkien illi l-familjari kienu ilhom żmien ma jarawha, iżda l-konvenut minflok ma ħa gost jara lil martu titkellem mal-familjari tagħha u tgawdi t-tieġ t'oħtha "*Kif D rahom hdejha, mar u beda jghidilha "jekk jerga' jghannqek nifqalu t-tazza f'wiccu. Ohti spiccat biex marret bil-qeghda u ma qamitx, hlief biex tizfen zifna mal-flower girl tieghi…Meta gie l-waiter bit tazzi ta' l-inbid, A qabbdet wahda f'idejha, pero D kien pront johodila bl-herra min idejha li spiccas waqqala l-inbid fuq il-libsa. Il-mistednin kollha raw b'ghajnejhom x'gara u wara dak it-tieg saru jafu is-sitwazzjoni taghha li hi kienet tipprova tahbi. Ghamlet tieg shih bil-libsa mtebba u bil-qeghda, t-tieg t'ohtha li tant kienet ilha tistenna.*"[35]

Din is-silta fil-fatt il-Qorti tħoss li tirrifletti l-ħajja li kienet qed tgħix l-attriċi mal-konvenut, fejn dan il-bniedem neżżaha minn kull dinjità u indipendenza u ssoġġettaha għal snin ta' abbuż morali u verbali tant li baqgħet snin twal tbati fis-silenzju, maqtugħa minn kulħadd u mwerwra minn żewġha li kien anke jheddidha li joħdilha lit-tifel. Finanzjarjament kienet ukoll għal kollox dipendenti fuqu peress li hi ma kinitx taħdem u qajla kien jagħtiha flus. Huwa kien itiha ammont minimu li bil-kemm kien ikollha biex tgħajjex il-familja bih, aħseb u ara tixtri affarijiet personali.

---

[34] Fol. 894.
[35] Fol. 894.

L-attriċi tgħid li darba sabet il-kuraġġ u telqet għand il-ġenituri tagħha iżda t-theddid ta' żewġha kien wisq għaliha u rritornat lura miegħu. L-aħħar daqqa kienet meta l-konvenut ġab tfajla Russa toqgħod id-dar tagħhom. Huwa qalilha li kien iltaqa' ma' din it-tfajla f'bar u li din kien telaqha l-għarus u ma kelliex fejn tmur. L-attriċi tgħid li din it-tfajla kienet qaltilha hi stess li ma jixraqilix dan l-aġir minn żewġha. L-attriċi tgħid li hawn hija kkonfermat illi l-konvenut kien qed ikun infidil magħha u fl-aħħar tal-2015 sabet il-kuraġġ u telqet mid-dar b'ta' fuqha senduqha. Dan kien pass diffiċli mhux biss għaliex l-konvenut ma ħalliha tieħu xejn magħha u kien ġabha fi stat li temmen li ma ħaqqha tieħu xejn għaliex hi kienet inutli, iżda wkoll għaliex warajha kellha tħalli lil binha li kellu kundizzjoni delikata u kien diffiċli ħafna għalih li jitlaq il-konfort tal-kamra tiegħu fid-dar matrimonjali li trabba fiha.

Jirriżulta wkoll rapport li sar minn ċertu M N wara li l-partijiet infirdu *de facto* fejn dan irraporta illi l-konvenut ċempillu u heddu ma jersaqx lejn Ħ'E "..*ghax naf x'karozza ghandek, dik il-Jeep is-sewda. Ara ma thabbatiex mieghi ghax ahjar titlob li jaqbdek cancer milli thabbatha mieghi*" Għalkemm ma jiġux esebit proċeduri quddiem il-qrati fuq din it-theddida, iżda l-Pulizija tkellmu mal-konvenut u hu ammetta li t-telefonata verament kien għamilha u li hu bejn wieħed u ieħor kien qal lis-Sur N "*tirfisx gol komun tiegħi u tnizzilx saqajk mill Jeep l-iswed…wara D ikkumenta li ahjar ikollok cancer milli ikollok xi tghid mieghi*." Għaldaqstant l-aġir ta' *bully* joħroġ ukoll ma' terzi persuni.

Il-Qorti hija konvinta illi ż-żwieġ tkisser sforz l-aġir tal-konvenut mill-bidu stess tar-relazzjoni fejn ta' età żgħira ħakem lill-attriċi taħt ġwinhajh u l-Qorti ssibu ħati ta' sevizzi, eċċessi u inġurji gravi iżda ma tarax li l-attriċi rnexxielha tippreżenta indizji gravi u preċizi dwar l-adulterju. Il-konvinċiment tal-Qorti huwa li l-konvenut kisser dan iż-żwieġ bl-aġir abbużiv tiegħu, kemm verbalment, kemm moralment u kemm finanzjarjament, iżda l-adulterju ma tarax li ġie pruvat.

Wara li telqet mid-dar imbagħad, il-konvenut ma qagħadx bi kwietu u kompla kisser ħajjet l-attriċi u binha meta ġie arrestat iktar minn darba fuq pussess u traffikar ta' droga kif joħroġ mix-xhieda tal-attriċi u mix-xhieda tal-Ispettur Helenio Galea u *ċioé* fis-6 ta' Marzu 2016, fit-13 ta'

Ottubru 2016 u fit-23 ta' Mejju 2023. Fil-fatt huwa ta' ħasra meta wieħed jaqra l-mod kif it-tifel tal-konjuġi kien f'daru rieqed darba bil-lejl, fid-dar li suppost tipprovdilu sigurtà u konfort u spiċċa mqajjem b'mod mill-aktar krudili, jara lil missieru jiġi arrestat hemm f'daru minħabba d-droga. Jiġiefieri mhux talli l-konvenut kisser lill-attriċi u ż-żwieġ tagħhom, talli baqa' jkisser lil martu u ibnu b'dan l-aġir irresponsabbli tiegħu. Il-Qorti tammira l-fatt illi wara dak kollu li kien għamlilha l-konvenut, l-attriċi tibqa' tagħti sostenn lil żewġha fejn tixhed illi baqgħet tgħinu finanzjarjament u tħallas d-djun u l-kontijiet hi. Għalkemm dan l-aġir tal-konvenut ma kienx il-kawża tat-tkissir taż-żwieġ iżda kompla juri kemm il-konvenut kien jimpurtah biss minnu nniffsu u lanqas ħaseb fil-ħsara li dan kollu jista' jagħmel lil ibnu u lil martu.

*<u>Il-Ħall taż-Żwieġ:</u>*

Stabbilit min għandu l-ħtija għat-tkissir taż-żwieġ, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tippronunzja ruħha dwar it-talba għall-ħall taż-żwieġ. Mill-atti jirriżulta illi fit-8 ta' Ġunju 2023 l-attriċi ressqet talba sabiex it-talba rigward is-separazzjoni personali tal-partijiet tiġi konvertita f'ħall taż-żwieġ u dan *ai termini* tal-Artikolu 66F tal-Kap 16, għal liema talba l-konvenut ma ppreżentax risposta iżda ddikjara fin-nota ta' osservazzjonijiet illi huwa jaqbel ma' din it-talba.

F'dan l-istadju u dan sabiex tintlaqa' talba għall-pronunzjament ta' divorzju, il-Qorti trid tara li l-kriterji tal-Artikolu 66B tal-Kap 16 ġew sodisfatti. L-Artikolu 66B kif applikabbli għal dan il-każ jitlob illi:

(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew

(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u

b. Ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u

ċ. Il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-Artikolu 57.

Fil-każ odjern jirriżulta illi:

a. Il-partijiet isseparaw *de facto* f'Ottubru 2016 u li l-proċeduri ta' divorzju u *ċioé* f'dan il-każ meta saret it-talba skond l-Artikolu 66F tal-Kap 16, bdew fl-2024 meta l-partijiet kienu ilhom iktar minn seba' (7) snin separati *de facto* minn xulxin għalhekk l-ewwel rekwiżit huwa milħuq;

b. Preżentement m'hemm l-ebda dubju illi m'hemmx ħjiel ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;

ċ. Fir-rigward tal-manteniment, ma hemmx kwistjonijiet ta' manteniment għal iben il-minuri għaliex dan huwa maġġorenni, u t-talba għall-manteniment tal-attriċi ser tiġi deċiża f'din is-sentenza u fil-fatt il-Qorti tara li hemm ftehim bejn il-partijiet rigward il-qasma tal-komunjoni, li tinkludi fiha somma ta' manteniment.

Għaldaqstant, jirriżulta li l-provi mressqa jissodisfaw dak rikjest mill-Artikolu 66B tal-Kap 16 għall-ksib tad-divorzju u l-partijiet fil-fatt jaqblu dwar dan u għalhekk il-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex għandha tiċħad it-talba tal-attriċi.

**3. Dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal- Kap 16:**

Jiġi ribadit illi l-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skont l-Artikolu 48 tal-Kap 16, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti li hija ħatja tagħhom. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, *ai termini* tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

Fil-każ odjern, jirriżulta li l-ħtija għat-tkissir taż-żwieġ tirrisjedi unikament fuq il-konvenut *stante* sevizzi, eċċessi u inġurji gravi min-naħa tiegħu u

temmen li għandha tapplika fil-konfront tiegħu skond l-Artikolu 48 l-effetti *in toto* tal-istess Artikolu. Id-data li fiha l-konvenut jinstab ħati għat-tifrik taż-żwieġ hija l-1 ta' Ottubru 2016.

**4. Manteniment għall-attriċi:**

Din it-talba ser tiġi deċiża fit-taqsima numru ħamsa (5) ta' din is-sentenza.

**5. It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali:**

*Bidu tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Il-Qorti tirrileva li ladarba l-partijiet iżżewġu nhar l-1 ta' Lulju 1994, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

*Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet.

*Elenku ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti, il-Likwidazzjoni, id-Diviżjoni u l-Assenjazzjoni tagħhom u krediti favur il-partijiet:*

Fir-rigward ta' dawk l-assi li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, il-Qorti telenka s-segwenti kif jirriżulta mill-provi:

*a. Id-dar matrimonjali u garaxx sottostanti,*
Jirriżulta mill-provi illi fl-2002, il-partijiet biegħu *maisonette* f'Birżebbugia li kienu xtraw qabel iż-żwieġ u li kienet id-dar matrimonjali tagħhom u xtraw appartament ġewwa Ħ'E u garaxx sottostanti, (liem appartament sar id-dar matrimonjali tagħhom), skond kif jirriżulta minn kopja tal-

kuntratt ta' bejgħ magħmul quddiem in-Nutar Jonathan Zammit fid-19 ta' Diċembru 2002 u anness mal-affidavit tal-attriċi.[36]

L-attriċi tippreżenta valutazzjoni magħmula minn *estate agents,* tal-appartament u tal-garaxx sottostanti li mit-tali jirriżulta li l-appartament ġie stmat għall-prezz ta' €230,000 u l-garaxx għall-prezz ta' €80,000.[37] Għalkemm din il-valutazzjoni mhix valutazzjoni formali u lanqas ma hi datata, il-partijiet jidhru li t-tnejn jaqblu magħha għaliex fin-nota ta' sottomissjonijiet, il-konvenut jaqbel mal-qasma proposta mill-attriċi.

Fuq id-dar matrimonjali jirriżulta li baqa' loan li r-rappreżentanta tal-Bank HSBC tixhed[38] illi kienet waqgħet b'lura u kellu jsir *restructuring* tagħha u dan kien iż-żmien meta l-konvenut kien daħal il-ħabs. Sar imbagħad *direct debit* mill-kont tal-attriċi. Il-*loan* bdiet titħallas minn kont tal-attriċi f'Mejju 2021[39] meta sar ir-*restructuring* tagħha u fi Frar 2023 bdiet titħallas b'*direct debit* mill-kont tagħha. L-attriċi tgħid fl-affidavit tagħha li hija fil-fatt bdiet tħallas il-loan hi minn Mejju 2021.

L-attriċi tagħmel ukoll lista,[40] mhix kontestata, tal-mobbli li hemm fid-dar:

*Living room – sofa, wall pictures and a small wooden table*
*Kitchen – Oven, hob, fridge, cupboards, table and chairs*
*Corridor – wall pictures and a class cabinet*
*Main bedroom – wardrobe, bed, TV, dresser and bedside tables*
*Small bedroom – Wardrobe and a bed*
*Study Room – Computer and desk*

Qabel il-Qorti tgħaddi biex tiddeċiedi dwar l-assenjazzjoni tad-dar matrimonjali u l-garaxx sottostanti, sejra tgħaddi biex telenka l-krediti li l-attriċi qed tvanta kontra l-komunjoni u li l-konvenut ma jikkontestax fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu:

[36] Fol. 916 *et seq*.
[37] Fol. 928.
[38] Seduta tat-28 ta' Lulju 2023 a fol. 827.
[39] Xhieda tar-rappreżentanta tal-Bank HSBC fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2023 a fol. 784.
[40] Affidavit tal-attriċi a fol. 912.

1. Kreditu li jirriżulta mill-ħlas tal-*loan* tad-dar matrimonjali li tħallset mill-attriċi fl-ammont ta' €305 fix-xahar minn Mejju 2021;

2. Għalkemm ma tinġieb l-ebda prova tanġibbli ta' dan, l-attriċi tixhed[41] u missierha jikkonferma fl-affidavit tiegħu is-segwenti sommom illi hija tippretendi li għandha kreditu tagħhom:

*-the LM 2,000 (€4,659) given to us by my father for the purchase of the property, as explained in paragraph 7 of this affidavit;*
*-the LM 12,000 (€28,000) paid/given to us by my aunt as explained in paragraph 11 of this affidavit;*
*-the LM 4,000 (€9,317.50) which my father paid for D and my wedding;*
*-the €6,000, representing the value of the bracelet, ring and watch my parents gave me but which was sold and retained by D;*

3. Utility bills, repairs u fees tal-kondominju li mill-2015 l-attriċi tikkalkula li jammontaw għal €20,000 u ta' dawn tippreżenta dokumenti relattivi. Peress li l-konvenut ġie arrestat l-ewwel darba fl-2016, għalkemm il-konjuġi kienu diġà sseparaw *de facto*, hija kellha tieħu ħsieb il-kontijiet tad-dar u anzi tgħid li hija kompliet tħallas dawn minn meta telqet mid-dar;

4. Barra minn hekk tgħid li meta ġie arrestat bdiet tibgħatlu €100 fil-ġimgħa biex tissuportjah finanzjarjament u tikkalkula li ħallsitu l-ammont ta' ċirka €15,000. Ta' dawn il-Qorti ma għandiex provi iżda l-konvenut ma jikkontestax lanqas dan il-kreditu;

L-attriċi titlob ukoll is-somma ta' €54,000 bħala *lump sum payment* ta' manteniment rappreżentanti manteniment għall-ħtiġijiet tagħha. Il-Qorti tħoss li għalkemm l-attriċi hija kapaċi taħdem, kif fil-fatt qed tagħmel u żżomm il-familja għaddejja wara l-hemm li daħlu fih tort tal-imġieba tal-konvenut, hija għandha tiġi kumpensata ta' dan. Wara li l-konvenut ma ħallihiex tkompli taħdem u tavvanza l-karriera tagħha, hija kellha tara kif ħa tagħmel ħabta u sabta meta l-konvenut ġabha f'pożizzjoni li kellha mhux biss titlaq mid-dar idha f'idha imma tibda ddaħħal biżżejjed *income* biex mhux talli ma jmantnihiex hu talli tispiċċa tmanti hi lilu, tħallas il-kontijiet u tieħu ħsieb il-kura ta' binhom li għalkemm ta' età maġġuri jidher li għandu bżonnijiet li trid tieħu ħsiebhom hi. Għalkemm il-Qorti ma hix sodisfatta illi l-attriċi ġabet l-aħjar prova ta' kif waslet għal dan l-

[41] Affidavit tal-attriċi a fol. 913.

ammont, fejn hija tgħid biss li qed titlob manteniment fl-ammont ta' €450 fix-xahar għall-għaxar snin, il-konvenut hawn ukoll jidher li qabel. Għalkemm il-Qorti ma taqbilx mal-krediti kollha vantati mill-attriċi u tħoss li l-attriċi mhux dejjem ġabet l-aħjar prova tagħhom, u mhux dejjem ibbażat it-talbiet tagħha fuq prinċipji legali, iżda fl-istess waqt ma tistax tinjora l-fatt li fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-konvenut juri qbil li jikkonċedi l-ammonti kollha pretiżi mill-attriċi bħala dovuti u jaqbel mal-qsim tal-komunjoni kif pretiż mill-attriċi. Fil-fatt il-Qorti tfaħħar il-mod kif il-partijiet fuq kollox waslu biex ftehmu fuq il-qasma tal-komunjoni minkejja l-għajb kollu li għaddew minnu u ġarrbu bħala familja u għalhekk il-Qorti tħoss li għandha tirrispetta l-għażla tal-partijiet.

Għalhekk il-Qorti tara li huwa ġust li kif fuq kollox qablu l-partijiet stess, id-dar matrimonjali bil-mobbli ta' ġo fiha u l-garaxx sottostanti jiġu assenjati lill-attriċi u hija tibqa' tħallas weħedha l-*loan* fuq tali dar u għaldaqstant il-konvenut qed jiġi ordnat jiżgombra mid-dar fi żmien erba' xhur minn meta din is-sentenza tgħaddi *in ġudikat,* filwaqt li l-istess dar tiġi ddikjarata li ma għadhiex iktar isservi ta' dar matrimonjali għall-partijiet. B'hekk il-konvenut ma jħallas xejn minn dawn il-krediti lill-attriċi u hija titħallas minn sehemu ta' nofs id-dar u garaxx sottostanti. Id-dejn rimanenti fuq id-dar matrimonjali u l-garaxx sottostanti jibqa' jitħallas mill-attriċi. B'hekk ukoll, iben il-partijiet li kien tant importanti għalih minħabba dik li allegatament hija l-kundizzjoni tiegħu u dak li għadda minnu u ġarrab, jibqa' jgħix f'dar stabbli u jkun jista' jibqa' jgawdi saqaf sigur fuq rasu.

*b.* *Garaxx*

Minn kopja tal-kuntratt li sar quddiem in-Nutar John Spiteri[42], jirriżulta li l-partijiet xtraw dan il-garaxx fid-19 ta' Mejju 2015 u li għalhekk jagħmel ukoll parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Fl-istess valutazzjoni miġjuba mill-attriċi li ssemmiet iktar 'il fuq jidher li dan il-garaxx ġie stmat fl-ammont ta' €55,000. Il-Qorti taqbel mal-partijiet u tordna li dan il-garaxx għandu jiġi assenjat lill-konvenut.

*c.* *Kontijiet bankarji*

[42] Fol. 923.

Il-Qorti tordna li kull parti għandha żżomm dawk il-kontijiet bankari li huma ntestati f'isimha u kif ukoll il-bilanċ miżmum fihom, filwaqt li jekk jirriżultaw kontijiet konġunti dawn għandhom jingħalqu minnufih u l-bilanċ għandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tordna li l-attriċi tiġi assenjata l-loan fuq id-dar matrimonjali u ċioé *loan account* mal-bank HSBC.

Kwalunkwe karti ta' kreditu għandhom jibqgħu f'isem dik il-parti li fuqha huma ntestati u dik il-parti tkun unikament responsabbli għall-ħlas ta' kwalunkwe bilanċ ta' dejn aggravanti l-istess karti ta' kreditu.

*d.* *Vetturi*

Jirriżulta mix-xhieda tar-rappreżentant tat-Transport Malta[43] li huma reġistrati fuq il-partijiet is-segwenti vetturi:

-Ma jirriżultawx vetturi fuq isem l-attriċi fil-preżent;
-Il-vetturi reġistrati fuq isem l-attriċi kienu diversi iżda jirriżulta li l-aħħar vettura reġistrata fuq isimha kienet f'Marzu 2016 meta l-partijiet kienu għadhom mhux separati *de facto;*
-Il-vettura tal-marka *Toyota Axio* fuq isem C B;
-Il-mutur tal-marka *Vespa 125 Primavera* fuq isem C B;
-Vetturi li fil-passat kienu reġistrati fuq isem il-konvenut iżda jirriżulta li bħal l-attriċi l-aħħar vettura reġistrata fuq ismu kienet f'Marzu 2016 meta l-partijiet kienu għadhom mhux separati *de facto;*

Il-Qorti tirreleva illi dwar il-vetturi li fil-passat kienu reġistrati fuq isem kull waħda mill-partijiet ma għandhiex deċiżjoni x'temetti għaliex dan kien iż-żmien meta l-partijiet kienu għadhom flimkien u ma nġabitx prova li xi parti għandha kreditu fuq dawn il-vetturi. Peress li ma rriżultaw l-ebda vetturi reġistrati fuq isem l-attriċi, jibqa' biss li l-Qorti tiddeċiedi dwar il-vetturi li huma fil-preżent reġistrati fuq isem il-konvenut kif irriżulta hawn fuq.

[43] Seduta tas-27 ta' Marzu 2023 a fol. 768.

Dwar it-*Toyota Axio* l-attriċi tixhed li din hija l-vettura li juża t-tifel għalkemm hija reġistrata fuq il-konvenut. Il-Qorti tordna li din għandha tibqa' reġistrata b'dan il-mod.

Dwar il-*Vespa 125* ma nġabet l-ebda valutazzjoni ta' dan il-mutur quddiem il-Qorti. B'hekk fis-sitwazzjoni li tinsab fiha l-Qorti fejn hija tinsab sprovvista minn prova essenzjali sabiex tkun f'pożizzjoni li tikkwantifika dak il-kreditu a favur l-attriċi u l-konvenut rigward il-mobbli in kwistjoni il-Qorti hija prekluża milli tillikwida ammont *arbitrio boni viri*, *stante* li dan il-prinċipju ma jistgħax jiġi addottat fin-nuqqas assolut ta' xi prova rigward il-valur ta' l-istess u għalhekk il-Qorti tħoss li l-konvenut għandu jiġi assenjat il-mutur mingħajr ma tordna li ssir l-ebda ekwiparazzjoni fuqu.

Magħdud mal-premess, mill-atti ma ġiex ippruvat illi kien hemm xi assi parafernali li kellhom jiġu restitwiti lil xi waħda jew lill-partijiet. Il-Qorti tordna iżda illi l-konvenut jiġi assenjat l-armi tan-nar illi kellu ġod-dar. Ma nġabitx prova ta' assi oħra personali li kellu l-konvenut.

Illi din il-Qorti tordna wkoll illi kwalsiasi obbligazzjoni u/jew dejn illi kull waħda mill-partijiet tista' talvolta tkun assumiet mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra, għandu jkun responsabbiltà esklussiva ta' dik il-parti li tkun assumietu.

**6. Kunjom xbubit l-attriċi;**

L-attriċi titlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha u *ċioé* H. Il-Qorti tilqa' din it-talba *ai termini* tal-Artikolu 66L(4)(b) tal-Kap 16.

**DEĊIDE**

Għalhekk u għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u filwaqt li tilqa' t-talba tagħha sabiex din l-ewwel talba kif dedotta fir-rikors promotur tagħha tiġi konvertita f'waħda ta' divorzju, tippronunzja l-ħall taż-żwieġ iċċelebrat bejn il-partijiet fl-1 ta'

Lulju 1994 u dan għal raġunijiet attribwibbli lill-konvenut kif provdut iktar 'il fuq f'din is-sentenza u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien xahar mil-lum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

2. Tiddeċiedi dwar it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames talba skond dak provdut fir-raba' (4) taqsima ta' din is-sentenza u *ċioé* t-taqsima ntitolata ***Manteniment għall-attriċi*****;**

3. Tilqa' s-sitt talba skont il-provvedimenti tat-tielet (3) taqsima ta' din is-Sentenza u *ċioé* ***Dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 et seq tal-Kap16;***

4. Tiċħad is-seba' talba *stante* li ma rriżultawx beni parafernali tal-attriċi;

5. Tiddediċiedi dwar it-tmien, disa', l-għaxar, il-ħdax, it-tnax u t-tlettax-il talba billi filwaqt li tippronunzja x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-paritjiet, tordna li d-diviżjoni u l-assenjazzjoni għandha tkun skond il-provediment tal-ħames (5) taqsima ta' din is-sentenza, u *ċioé* ***It-Terminazzjoni, ix-Xoljiment, il-Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali***;

6. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-erbatax-il talba *stante* dak deċiż fl-ewwel talba.

Bl-ispejjeż, jiġu sopportati mill-konvenut.